**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Trevor Micallef)**

**vs**

**Mousa Sulayman Mousay**

**Bin Husayn**

**Illum, 12 ta' Mejju 2017,**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra:

> **Mousa Sulayman Mousay Bin Husayn,** ta' 25 sena, imwieled Tripoli, nhar is-26 ta' April 1992, iben Sulayman u Alya nee' Abu Shusha u residenti gewwa Bridge End Apartments, Triq iz-Zebbug, San Giljan, u detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 139231A, Passaport Libjan numru K358G8Z4, Passaport Malti 0017987;

Akkuzat talli:

Nhar it- 12 ta’ Mejju 2017 ghall-habta tal-04.45am f’San Giljan:

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ haddiehor f’periklu car, ikkaguna ferita ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Petar Velikov;

2. Volontarjament ikkaguna hsara fuq bieb ghad-detriment ta’ Petar Velikov u/jew persuni ohra, meta tali hsara mhux aktar minn mitejn u hamsin euro;

3. Bi ħsara tas-sid jew tad-detentur, ghamel vjolazzjoni oħra kontra l-proprjetà ta’ Petar Velikov u/jew persuni ohra;

4. F’lok pubbliku jew miftuħ għall-pubbliku, kien jinsab fis-sakra b’mod li ma kienx jista’ jieħu ħsieb tiegħu innifsu;

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputat;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat u qieset il-provi kollha prodotti;

Rat li waqt l-udjenza tal-lum mizmuma minn din il-Qorti l-imputat rega’ afferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti tatu zmien jirrikunsidra il-posizzjoni tieghu, u din l-ammissjoni giet debitament registrata fil-verbal tal-lum stess fl-atti tal-kawza odjerna;

Ikkunsidrat:

Stante ammissjoni l-akkuzi jirrizultaw pruvati u l-Qorti ma tistax hlief issib htija fl-imputat;

Wara li rat l-artikoli 216, 325(1)(c), 338(ff) u 340(d) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u qieset l-ammissjoni bikrija tal-imputat, l-istqarrija tal-imputat minn fejn jirrizultaw ic-cirkostanzi li taw lok ghall-kawza odjerna, u l-fedina penali netta tal-imputat;

Issib lill-imputat hati tal-akkuzi kif migjuba kontra tieghu u taqta' u tiddeciedi illi piena karcerarja mhix idonea fil-kaz odjern u ghalhekk tittratta mal-imputat billi tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor sa zmien sena mil-lum fit-termini tal-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem car l-import ta' din is-sentenza.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur